A.L. 282 ta' l-2008

ATT DWAR L-UNJONI EWROPEA
(KAP. 460)

Ordni ta' l-2008 dwar Rinviju li jsir minn Tribunali lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(2) ta' l-Att dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni huwa l-Ordni ta' l-2008 dwar Rinviju li jsir minn Tribunali lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.

Rinviji lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej skond l-artikolu 234 tat-Trattat KE.

2. (1) Għandha tkun ir-responsabbiltà ta' tribunal Malti, u mhux tal-partijiet, li jiddefinixxi t-termini tar-rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej. Ir-rinviju għandu jidentifika b'mod ċar, konċiż u sempliċi kif in-natura tal-każ tippermetti il-mistoqsija li t-tribunal qed jitlob risposta għaliha. Ikun tajjeb ħafna li l-lingwa li tintuża tkun tista' tiġi tradotta b'mod faċli.

(2) It-tribunal li jagħmel ir-rinviju għandu, f'dokument singolu mehmuż ma' l-ordni:

(a) jidentifika l-partijiet u jkun fih sommarju tan-natura u l-istorja tal-proċeduri;

(b) ikun fih sommarju tal-fatti importanti, b'indikazzjoni jekk dawn ġewx ippruvati, jew ammessi jew qed ikunu preżunti;

(ċ) jagħmel referenza għar-regoli tad-dritt nazzjonali (sostantiv u proċedurali) rilevanti għat-tilwima;

(d) ikun fih sommarju ta' dak li qed jitolbu l-partijiet sa fejn dan ikun rilevanti;

(e) jispjega għaliex qed tintalab deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, waqt li jidentifika d-disposizzjonijiet tal-KE li dwar l-effett tagħhom hemm kwistjoni;

(f) jifformula mingħajr ebda komplessità li tista' tiġi evitata, il-mistoqsija(ijiet) li għaliha(hom) qed tintalab tweġiba.

(3) Meta d-dokument ikun fil-fatt digriet, kif ta' spiss ikun konvenjenti, partijiet li mhumiex rilevanti għar-rinviju għandhom

jitħallew barra mit-test mehmuż ma' l-ordni. Għandha tiġi evitata, l-inkorporazzjoni ta' appendiċi, annessi jew dokumenti oħra mehmużin bħala parti mid-dokument, sakemm il-partijiet rilevanti jistgħu jiġu tradotti b'mod faċli u jistgħu jiġu identifikati b'mod ċar.

(4) It-tribunal li jagħmel ir-rinviju għandu jiżgura li l-ordni ta' rinviju, meta jkun finalizzat, jintbagħat minnufih lir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali, sabiex dak l-ordni jista' jintbagħat il-Lussemburgu mingħajr ebda dewmien.

(5) Għandu wkoll jissemma b'mod ċar l-isem tat-tribunal li qed jagħmel ir-rinviju.